20

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

SECRET - CABINET PAPERS

MINUTI

Laqgha tal-Kabinett Nru 51

Kastilja, 3 ta' Frar 1981

fis-1.30 pm

Prezenti:

| | |
|---|---|
| L-Onor Dom Mintoff | Prim Ministru - Chairman |
| L-Onor Joseph Cassar | Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu |
| L-Onor Agatha Barbara | Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura |
| L-Onor Lorry Sant | Ministru tax-Xoghlijiet u Sport |
| L-Onor Wistin Abela | Ministru ta' l-Izvilupp, Energija, Port u Telekomunikazzjonijiet |
| L-Onor Vincent Moran | Ministru tas-Sahha u Ambjent |
| L-Onor Freddie Micallef | Ministru tal-Biedja u Sajd |
| L-Onor Patrick Holland | Ministru tal-Kummerc, Industrija, Industriji Parastatali u tal-Poplu |
| L-Onor Philip Muscat | Ministru ta' l-Edukazzjoni |
| L-Onor Joseph Brincat | Ministru tal-Gustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament |
| Is-Sur Joe Borg | G.W.U. |
| Is-Sur George Agius | G.W.U. |

Prezenti wkoll:

| | |
|---|---|
| Dr C Mifsud Bonnici | Deputat Kap tal-Partit |
| Dr Benny Camilleri M.P. | |
| Dr John Buttigieg M.P. | |
| Dr Philip Sciberras M.P. | |
| Dr Edgar Mizzi | Avukat Generali |
| Is-Sur E W Micallef | Segretarju |

Assenti:-

L-Onor Danny Cremona, Ministru tat-Turizmu, li jinsab imsiefer.

MINUTI

Il-Ministri approvaw il-Minuti tal-Laqgha Nru 50.

Il-Ministri approvaw it-test ta' stqarrija ghall-Istampa li kellha tohrog dwar "Ir-Riformi fis-Sistema Gudizzjarja".

Il-Kabinett aggorna ghal dakinhar stess fid-9.30 ta' filghaxija.

Meta rega ltaqgha l-Kabinett kienu assenti l-Avukati Camilleri, Buttigieg u Sciberras, filwaqt li kien prezenti is-Segretarju ghall-Affarijiet Barranin, is-Sur Maurice Abela.

Wara li nnotaw l-izviluppi li kellhom x'jaqsmu mal-kwistjoni ta' l-iskejjel privati u tal-Blue Sisters, u li dawn kienu jikkonsistu fil-vizta ta' Mons Silvestrini u l-ahhar ittra ta' Mons Casaroli, il-Ministri qablu li minhabba li ma kienx hemm possibilita' ta' djalogu mal-kleru ta' Malta, ma kienx fadal triq ohra hlief li tintbaghat ittra lill-Qdusija Tieghu, il-Papa, u li din kellu jwassalha personalment l-Ambaxxatur ta' Malta ghall-Vatikan.

3/...

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

Il-Ministri wara ddiskutew il-kwistjoni tal-"Hin tas-Sajf" u qablu li ghal din is-sena il-bidu ghandu jibqa' l-31 ta' Marzu, kif diga ffissat, izda t-tmiem ta' din is-sena u l-bidu u t-tmiem tal-"Hin tas-Sajf" tas-sena ddiehla kellhom ikunu fl-istess dati li kienu ser jigu applikati fl-Ewropa, jigifieri mill-ahhar Hadd ta' Marzu sa' l-ahhar Hadd ta' Settembru. Ghal dan il-ghan, il-G.W.U. kellha tistharreg il-proposta li fid-dipartimenti tal-Gvern il-bidu tax-xoghol kellu jitressaq b'siegha lura matul ix-xahar ta' Settembru halli ma jkunx ghadu dlam meta jibda x-xoghol specjalment fl-apert.

........................ ......................

Segretarju tal-Kabinett Chairman tal-Kabinett

24.8.81.

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA